MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 440/2007

**John u Isabelle Azzopardi**

**Vs**

**Marlene Zarb et**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz f`ismijiet premessi pprezentat fis-17 ta` Mejju, 2007, fejn intalab li l-konvenuti kellhom ihallsu lil atturi s-somma ta` sitt mija u erbghin lira (Lm640), rapprezentanti danni sofferti mill-atturi konsistenti l-ispejjez li kellhom jaghmlu biex jissewwew hsarat mohbija sia fis-soqfa u kif ukoll fid-drains tal-fond 28, Triq L-Alwett, Kappara, liema fond kien gie mixtri mill-atturi minghand il-konvenuti u in oltre parti mis-somma mitluba tirrapprezenta wkoll valur ta` l-oggetti li l-konvenuti hadu mill-istess proprjeta`.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti prezentata fit-18 ta` Gunju, 2007 fejn ikkontestaw it-talbiet attrici in vista tal-fatt illi kienu nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Giet sollevata wkoll preskrizzjoni ta` sena f`kaz illi din l-azzjoni kienet ta` natura ta` azzjoni estimatorja.

Illi l-azzjoni estimatorja ttantata kienet irritwali peress li l-attur ghandu jitlob tnaqqis fil-prezz tal-bejgh ta` l-immobbli.

Illi ghar-rigward l-azzjoni fil-konfront tal-mobbli allegatament mehuda mill-konvenuti, din ghandha tigi respinta in vista tal-fatt illi l-oggetti ma kienux parti mill-oggett tal-bejgh in kwistjoni u kif ukoll illi l-atturi ma soffrew ebda danni per konsegwenza ta` xi agir da parti tal-konvenuti u kif ukoll illi d-danni mitluba kienu ezagerati.

Saret ukoll riserva ghal prezenta ta` l-eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi di fatti fis-seduta tal-25 ta` Settembru, 2007, it-Tribunal fuq talba ta` Dr. Philip Magri ghal konvenuti laqat it-talba tieghu sabiex jipprezenta eccezzjoni ulterjuri dwar l-inkompetenza ta` dan it-Tribunal.

Illi di fatti fis-seduta tal-11 ta` Ottubru, 2007, Dr. Philip Magri ghal konvenuti ecepixxa ulterjorment l-inkompetenza tat-Tribunal peress illi l-azzjoni tentata mill-atturi ma taqax taht il-kompetenza ta` dan it-Tribunal.

It-Tribunal innota illi l-kawza thalliet ghat-18 ta` Ottubru, 2007 u cioe` ghas-seduta ta` llum, bl-intiza cara illi sa dak in-nhar, l-atturi jew kellhom jirregolaw ruhhom jew isir it-trattazzjoni finali miz-zewg nahat fuq din l-eccezzjoni ulterjuri sollevata minn Dr. Philip Magri.

Gie notat illi fis-seduta tal-11 ta` Ottubru, 2007, l-atturi u l-avukat difensur taghhom msejjhin tlett darbiet baqghu ma dehrux.

Sema` t-trattazzjoni ta` l-Avukat Philip Magri fuq l-eccezzjoni ulterjuri minnu sollevata fil-11 ta` Ottubru, 2007.

Ikkunsidra.

It-Tribunal wara li ha kaz tal-kontenut u tal-kawzali li waslu ghat-talba kif dedotta da parti ta` l-atturi, jirrileva illi tali azzjoni hija ntrinsikament marbuta ma` lanjanza konnessa ma` proprjeta` immobbiljari u liema azzjoni tixbah ferm azzjoni ta` natura estimatorja kif kontemplat fil-Kodici Civili.

Ghaldaqstant, huwa jidher car u manifest mill-istess avviz illi din ma hijiex azzjoni illi tista` tigi ntavolata quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar u dana kif jirrizulta car ukoll mill-artikolu 3, sub-artikolu 5 tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta` Malta.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi l-eccezzjoni ulterjuri ta` nkompetenza sollevata mill-konvenuti billi jilqa` l-istess eccezzjoni ulterjuri u konsegwentement ghalhekk qed jichad it-talbiet ta` l-atturi, bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------